MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 127/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Robert Vella)**
**Vs**
**Carmel Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-17 ta’ Jannar, 2009 u fil-granet ta’ qabel fl-irdum tal-Madliena, Dingli bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu gieghel b’awtorita tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew ifixkel lil xi hadd f’pussess ta’ hwejjgu jew ihott bini jew b’xi mod iehor kontra l-ligi jindahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

tal-4 ta' Marzu, 2011, li biha, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ddikjarat li sabet lill-appellant hati tal-akkuza kif migjuba kontra tieghu mill-prosekuzzjoni u kkundannatu multa ta' hamsin Ewro (€50).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta' Marzu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat l-aggravji tal-appellant li huma s-segwenti :-
1. Illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi senjatament tax-xhieda li xehdu quddiemha u dana peress illi ghal dak illi jirrigwarda x-xhieda ta' l-appellant, allura l-imputat, huwa bl-ebda mod ma ammetta illi ipparkja l-vettura tieghu fil-passagg illi ghandhom uzu minnu terzi u dana kontrarjament ghal dak illi irriteniet l-Ewwel Qorti. Dak illi fil-fatt xehed l-imputat huwa illi kulma ghamel huwa illi ipparkja l-vettura tieghu mal-genb tal-passagg komuni senjatament fil-wisa` quddiem l-gherien u l-kmamar u b'hekk la kien hemm il-vettura tieghu fil-passagg wisq anqas ostakola l-passagg liberu ta' l-istess. In fatti huwa xehed ukoll illi l-passagg komuni kien u baqa` l-hin kollu liberu b'mod illi karozza setghet facilment tghaddi minnu. Huwa xehed ukoll illi fil-fatt il-kwerelanti Andrew Agius ghadda minn hemm bil-vettura tieghu minghajr ebda xkiel. Di piu mir-ritratti ezebiti mill-istess kwerelanti Andrew Agius quddiem l-Ewwel Qorti jirrizulta wkoll illi l-vettura ta' l-appellanti ma kienitx ipparkjata fil-passagg komuni izda mal-genb. U ukoll tant kemm l-ilment tal-kwerelanti kif spjegat quddiem l-Ewwel Qorti kien jirrigwarda mhux il-passagg komuni izda l-genb ta' l-istess illi l-kwerelanti Andrew Agius ezebixxa kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion ta' nhar l-14 ta' Ottubru 2010 fejn allegatament akkwista b'titolu ta' cens temporanju l-parti illi tigi biswit il-passagg komuni. L-apprezzament tal-provi illi sar mill-Ewwel Qorti huwa zbaljat u ghalhekk hija wkoll zbaljata l-konkluzjoni illi kien

jissussisti r-reat ta’ ragion fattasi ghaliex l-appellanti kien jaf illi ma kellux dritt li jipparkja fil-passagg uzat minn terzi.

2. Illi l-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxielha tipprova l-elementi tar-reat ta’ ragion fattasi. Ghal dak illi jirrigwarda l-element tal-pussess, ghandu jinghad minghajr tlaqliq illi dan l-element lanqas biss issemma waqt ix-xhieda tal-kwerelanti Andrew Agius fis-sens illi l-imsemmi kwerelanti bl-ebda mod ma semma kif kellu l-pussess tal-parti biswit il-passagg komuni quddiem l-gherien fil-proprjeta` hawn fuq imsemmija. L-unika prova – dokumentarja – illi pproduca l-kwerelanti kien il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion ta’ nhar l-14 ta’ Ottubru 2010, illi permezz tieghu l-kumpanija tieghu, Zoqdi Developers Limioted, allegatament akkwistat minghand il-kumpannija Alfred Briffa BD Limited, din il-bicca terren b’titolu ta’ cens temporanju. Jinghad illi allegatament akkwistat, ghaliex hemm kontestazzjoni ta’ natura civili dwar it-titolu. Pero` kif ritenut kemm-il darba, kuntratt wahdu ma huwiex prova bizzejjed tal-pussess ghaliex it-titolu u l-pussess huma zewg kuncetti ben distinti. Apparti hekk u minghajr pregudizzju, jirrizulta illi l-kuntratt ezebit mill-kwerelanti Andrew Agius sar bosta xhur wara d-data ta’ l-akkuza u ghalhekk in ogni kaz ma jistax iservi ta’ prova relevanti ghall-akkuza illi saret minnu fil-konfront ta’ l-appellanti. Di piu jigi rilevat illi dak illi l-prosekuzzjoni setghet taghmel biex tipprova l-element mehtieg tal-pussess huwa illi tingungi lil Alfred Briffa proprjetarju u rapprezentant tal-kumpannija BD Limited. Din kienet tkun l-ahjar prova, liema prova pero` ma saritx.

Da parti tieghu, l-appellant xehed illi huwa kelu l-pussess tal-parti fejn kienet ipparkjata l-vettura tieghu u dana peress illi huwa kien ilu jmur hemmhekk u jaghmel xi xogholijiet ghal bosta snin, ma kienitx l-ewwel darba illi kien waqaf bil-vettura tieghu hemmhekk, kien jaghmel uzu mill-gherien u qatt ma kellu inkwiet mal-predecessuri fit-titolu tal-kumpannija Zoqdi Developers Limited u tal-kumpannija BD Limited. Huwa xehed ukoll illi bl-ebda mod ma ostakola l-passagg komuni.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appellant umilment jissottometti illi l-ewwel element tar-reat ta' ragion fattasi ma giex ippruvat. B'mod partikolari ma giex ippruvat illi huwa ghamel xi att estern li spolja lill-kwerelant Andrew Agius minn xi haga illi kien igawdi.

3. Fit-tielet lok, l-appellant jirrileva illi lanqas jirrizulta l-element l-iehor tar-reat ta' ragion fattasi u dana peress illi bl-ebda mod ma gie ippruvat da parti tal-prosekuzzjoni illi l-appellanti kien konxju illi qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita pubblika.

4. Fir-raba` lok, l-appellanti jhoss illi huwa floku illi jirrileva serje ta' inkonsistenzi fil-verzjoni tal-kwerelanti Andrew Agius. Jibda biex jigi rilevat illi l-kwerelanti Andrew Agius ghamel rapport f'isem kumpannija – BD Limited – li la hija proprjeta` tieghu u lanqas kellu ebda interess fiha fuq proprjeta` illi ma kellu ebda interess fiha. Filwaqt illi fir-rapport illi sar lill-pulizija issemma illi l-appellanti kien qieghed itella` xi hajt dan ma rrizultax mill-provi tal-prosekuzzjoni. Di piu ghalkemm il-kwerelanti Andrew Agius irraporta illi l-appellanti ipparkja l-vettura tieghu ta' l-ghamla Maruti u ghalkemm huwa minnu illi l-appellanti ghandu vettura ta' l-ghamla Maruti, mir-ritratti ezebiti jidher car illi l-vettura ipparkjata kienet ta' l-ghamla Subaru. Dawn id-diskrepanzi kollha jitfghu mhux biss dubju fuq il-verzjoni tal-kwerelant izda meta jittiehdu fil-kuntest ta' serje ta' kawzi tal-Pulizija illi hemm pendenti kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq istanza ta' l-istess kwerelant ma jhallux dubju illi r-rapport odjern sar b'pika u b'mod ghall-ahhar abbuziv. Dan id-dubju u dawn ic-cirkostanzi, certament ghandhom jimmilitaw favur l-appellanti li jigi sottomess illi ghandu jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukat difensur kif ukoll ta' l-Avukat Generali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju principali ta' l-appellant hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li instemghu quddiema. Issa hu principju ormai stabbilit fil-Gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appell minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti, jekk tasal ghal konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Fi kliem iehor din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiema ma setghetx ragonevolment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha allura din tkun raguni valida jekk mhux ghad-direttura impellanti sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-deskrizzjoni u konkluzzjoni (ara fost ohrajn 'Il-Pulizija vs Raymond Psaila et' 12 ta' Mejju 1994). Hawnhekk din il-Qorti regghet ghamlet ezami approfondit tal-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti billi semghathom mill-gdid. U dan sabiex tara jekk din il-Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghal konkluzzjoni ta' htija dwar ir-reat tar-ragion fattasi.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-kaz kif irrizultaw mill-provi huma fil-qosor issigwenti. Fis-17 ta' Jannar ta' l-2009 ghal habta ta' 15.00 hrs l-appellant kien qieghed itella' hajt fl-inhawi maghruf bhala tal-Madliena fl-irdumijiet ta' Had Dingli. Il-Parte Civili Andrew Agius ghan-nom ta' BD Limited, oggezzjona ghal dan ix-xoghol peress li allega illi dan kien qed isir fi propjeta taghhom. Fil-fatt bejn iz-zewg partijiet hemm kwistjonijiet legali illi ilhom ghaddejjin ghal dawn l-ahhar erba' snin. Irrizulta illi l-access ghar-raba imsemmi hu minn trejqa komuni u mal-genb din l-istess trejqa

hemm xi gherien jew kmamar b'wesa' quddiem l-istess. Agius ilmenta illi l-appellant dahal fil-propjeta tieghu u tella' xi hajt u di piu ipparkja vettura tieghu fil-propjeta ta' Agius.

Quddiem din il-Qorti, Agius ilmenta illi l-hajt kien qed jinbena sporgut fuq il-passagg u li kien ta' periklu ghal kulhadd. Ilu tmintax-il sena jiffrekwenta dawn l-inhawi u hadd ma mess dan il-hajt. Izda b'dak illi ghamel l-appellant dejjaq it-triq u saret perikoluza ghax in-naha l-ohra tat-triq hemm l-irdum. Agius kompla jghid illi parti mill-hajt qieghed fil-propjeta tieghu u parti ohra f'nofs it-triq. Ra lil l-appellant Carmel Azzopardi jibdni l-hajt. Gew esebiti ritratti li hadhom hu stess. Spjega kif orignarjament il-hajt kien jitla' sal-blat u Azzopardi ghamel bieb. Izda f'xi zmien, parti mill-hajt twaqqa' u thalla gorbog fit-triq. Fejn fir-ritratt jidher il-vann, hija propjeta ta' Agius.

Fil-kontro ezami, Agius qal li l-propjeta hija ta' BD Limited pero kellu l-pussess taghha ghax qabel ma ghaddiet lil BD Limited kienet tieghu. Dak in-nhar ma setax jghaddi u kellu jistenna lill-appellant jaghlaq il-vann u jsuq l-isfel biex imbghad ikun jista' jghaddi hu. Minn naha l-ohra l-appellant jghid illi jahdem ir-raba' u ghandu madwar disgha u ghoxrin tomna fl-irdum ta' Had Dingli. It-triq hija mibnija fuq precepizzju. Fuq naha minnhom hemm il-blat u naha minnhom hemm l-irdum. Fl-ewwel parti pero hemm il-blat fuq zewg nahhat. Aktar l-isfel hemm ghar fuq ix-xellug u irdum fuq il-lemin. Dan l-ghar ikun maghluq pero il-hajt twaqqa'. Veru illi kellu l-vann ipparkjat magenb it-triq pero kien hemm spazju bizzejjed biex tghaddi karozza u fil-fatt Agius tela' u nizel diversi drabi minn magenb il-vann u kien hemm ukoll nies ohra illi ghaddew qabel Agius, inkluz certa Mario Pisani.

L-ghar hija propjeta' tieghu u peress li dan kien maghluq b'hajt li iggarraf ipprova jergghu itellghu fuq il-pedamenti li kien hemm. Jghid li hemm hafna kawzi civili bejniethom. Hu ikkontendi, illi fejn kien ipparkjat il-vann hija art pubblika pero Agius irregistral-art fuq ismu. Xhed ukoll f'din il-kawza Mario Pisani, illi ghandu ghelieqi fl-inhawi.

Dan ra lill-appellant jaghmel xi xoghol ta' gebel, ihott hajt u jibni u jkahhal. Il-vann ta' l-appellant kien ipparkjat magenb it-triq pero il-hajt li kien qed jibni kien perikoluz ghalihom. Ra ir-ritratti a fol 15 tal-process u gharaf il-vann ta' l-appellant u l-gebel f'nofs il-passagg. Qal ukoll li t-triq m'hiex wisa' pero vann zghir jghaddi. Fejn kien ipparkjat l-appellant hemm dahla izda l-hajt thalla' sporgu 'il barra.

Ikkunsidrat:

Illi l-elementi tar-reat in desamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef William Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et' (Appell Kriminali 14 t'Ottubru 1994, Volume XXX2, part4, page 768). Dawn jinkludu:

a) Att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implictu ta' dik il-persuna.
b) L-imputat irid jemmen illi qed jagixxi bid-dritt.
c) Ix-xjenza ta' l-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite process legali.
d) L-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.

Illi kif dejjem gie ritenut element important kostitwiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jesercita d-dritt illi hu jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontari fuq propjeta ta' haddiehor. Ghalhekk hemm bzonn li jsir indagni fuq il-movent li jkun wassal lil persuna li kkomettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'li wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu t-tgawdija taghha. Ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun ga jkollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lil terz jew ifixxklu fil-pussess tal-haga.

Ghax kif jghid il-Carrara (Prog. Parte Special Volume 5, para 2850): 'l-Atto esterno deve privare altro contro sua

voglia di un bene che gode. Chi e nel attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche la legge protegga ‘stato quo’ il quale non puo variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della Awtorita Gudiziale.’

Issa fil-kaz in ezami hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet, l-appellant u Andrew Agius dwar il-propjeta li titkostitwixxi l-passagg illi jaghti access ghal ghelieqi aktar ‘l isfel fl-irdum. F’dan il-passagg jew triq hemm ghar illi jidher illi ghandu tgawdi minnha l-appellant. Dan l-ghar hu maghluq b’hajt u f’xi zmien dan il-hajt twaqqa’. Il-Parte Civili Agius, qieghed jilmenta illi meta l-appellant rega’ beda dan il-hajt, dan sporga fit-triq, fi propjeta’ tieghu u ghamel dan il-passagg ta’ din it-triq aktar perikoluz peress illi n-naha l-ohra tat-triq fuq il-lemin, inti u niezel, hemm l-irdum.

L-appellant jghid illi l-passagg huwa komuni pero jaf ukoll illi l-Parte Civili Agius, irregistra l-passagg f’ismu. Iz-zewg partijiet jikkontendu illi hemm hafna kawzi civili bejniethom pero jidher li Agius ghandu l-pussess ta’ l-art quddiem l-ghar, fuq liema art l-appellant ipparkja l-vann tieghu b’tali mod illi mpedixxa l-passagg liberu ghal-utenti l-ohra ta’ l-istess passagg. Ir-ritratti esebiti f’dawn l-atti juri l-vann ipparkjat fit-triq, liema vann jidher f’zewg pozizzjonijiet differenti. Jidher ukoll borg gebel sporgut fil-passagg b’tali mod li jkun ostakolu ghal min ikun qed juza’ din it-trejqa.

Fuq l-iskorta ta’ dawn irrizultanzi proceswali, l-ewwel Qorti kellha kull dritt li tistrieh fuq il-provi tal-Parte Civili li kellhom dritt li jghaddu minn dan il-passagg minghajr ma jkun ostakolat minn xi xoghol jew ingenji ta’ l-appellant. Ghalhekk l-appellant ma setghetx di “privato braccio” jaqbad u jiehu dak illi kien jipretendi li hu tieghu u jibda jahdem fuq it-trejqa u ostakolha anke jekk stess haseb li kellu d-dritt jaghmel hekk.

Fir-raba’ aggravju tieghu, l-appellant ihoss li kien hemm serje ta’ inkostintenzi fil-verzjoni tal-kwerelanti Andrew Agius. Beda biex jghid illi l-kwerelanti Agius ghamel rapport f’isem kumpanija BD Limited, li la hija propjeta’

tieghu u lanqas kellu ebda interess fiha. Allega illi dawn id-diskrepanzi tefghu mhux biss dubju fuq il-verzjoni tal-kwerelant izda meta jittiehdu fil-kuntest ta’ serje ta’ kawzi tal-Pulizija li hemm pendenti kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati, ma jhallux dubju li r-rapport sar pika b’mod ghal-ahhar abbuziv.

Ikkunsidrat:

Huwa minnu illi skond ix-xhieda tas-Surgent 518 De Giovanni, il-kwerelant Andrew Agius ghamel ir-rapport f’isem il-kumpanija BD Limited pero jghid ukoll illi din il-kumpanija tatu l-pussess ta’ dan il-passagg, liema pussess kien ghandu qabel ma’ l-art ghaddiet ghand il-kumpanija. Dan il-pussess ma giex kontestat minn naha ta’ l-kwerelant. Tant hu hekk illi hu stess jammetti illi l-kwerelant irregistra din l-art f’ismu u din il-kawza propja qeghdha issir abbazi ta’ dan il-pussess, formalment irregistrat f’isem il-kwerelant. Il-Qorti ma tarax diskrepanzi f’din ix-xhieda anzi tkompli ssahhah id-depozizzjoni ta’ l-istess Agius b’gustifikazzjoni ta’ l-element tal-pussess.

Ghalhekk ma jidirhx li hemm lok illi tigi varjata s-sentenza ghax hija fil-parametri legali u skond ic-cirkostanzi, regonevoli. Din il-Qorti ma thoss li ghandha tiddisturba d-deskrizzjoni ta’ l-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------